Azzjoni Kattolika Maltija (Malta Catholic Action)
Istitut Kattoliku Floriana FRN 1441
Tel 21222239 – 21237031
infosheet@akmalta.org
www.akmalta.org

**MEJJU 2009** **NUMRU 243**

Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu !

# INFORMATION SHEET



## SULTANA TAL-FAMILJA ĦU ĦSIEB IL-FAMILJI TAGĦNA

# MADWARNA

**Il-Parroċċa: Komunjoni ta' Kommunitajiet**. Ħadt gost nara numru ta' membri preżenti għall-laqgħa ta' formazzjoni li organizza l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali għall-membri tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali. Il-laqgħa kienet dwar il-komunjoni. Il-kunċett tat-tisħiħ tal-komunjoni li ħareġ mis-sinodu kien providenzjali. Fejn qatt konna nobsru minn parroċċi viċini jikkompetu ma' xulxin qegħdin noqorbu lejn parroċċi qrib xulxin jaħdmu flimkien. Ftit ftit qegħdin naraw l-għaqdiet jaħdmu id f'id ukoll. L-Azzjoni Kattolika għandha tkun minn ta' l-ewwel biex issaħħaħ kull sforz li qiegħed isir biex din l-għaqda sseħħ f'kull livell tal-Knisja. Fuq kollox Alla jitlob minna biex nissieħbu fil-ħajja Trinitarja u nkunu mera ta' l-imħabba u l-għaqda fid-dinja (ara Ef. 1.3-4). Mhux mill-imħabba ta' bejnietna ningħarfu li aħna dixxipli ta' Kristu?

**'Għaliex Ittradejtu**?' Iż-ŻAK Birżebbuġia ippreżenta d-dramm tal-passjoni ta' kull sena bl-isem 'Għaliex Ittradejtu?'. Dramm miktub tajjeb ħafna minn Darren Farrugia u dirett minn Charles Falzon. Il-livell professjonali li għalih issa saru magħrufin iż-ŻAK Birebbuġia kien jidher mhux biss fl-irreċitar, imma wkoll fis-*sound effects*, fil-kostumi, fl-irtokk u fir-ritmu kostanti li bih tmexxa d-dramm. Kieku mort fl-aqwa teatru ma kontx nieħu gost daqshekk. Veru bravi. Prosit.

**Il-Festa ta' Santa Katerina**. F'April ukoll in-nista ċċelebraw il-festa tal-kbira patruna tagħhom. Insejjħilha kbira għaliex minkejja l-fatt li mietet ta' eta' żgħira, kellha biss tlieta u tletin sena meta mietet, ħalliet impatt kbir fuq il-Knisja. Il-Papa Piu XII għamilha l-Patruna ta' l-Italia flimkien ma' San Franġisk ta' Assisi. Il-Papa Pawlu VI taha t-titolu ta' duttur tal-Knisja, il-Papa Ġwanni Pawlu II ipproklamha waħda mill-qaddisin protetturi ta' l-Ewropa. Santa Katerina hija waħda mill-ftit qaddisin li huma ivvenerati mill-Luterani u mill-Kommunjoni Anglikana minbarra mill-Kattoliċi. Mhux ta' b'xejn tissejjaħ kbira. J'Alla n-nisa u l-membri tagħna kollha jgħixu fuq l-eżempju tagħha.

**Anniversarju tal-Pontifakat tal-Papa Benedittu XVI** Nhar id-19 ta' April 2005, erba snin ilu, il-Papa Benedittu ġie elett Papa. Il-Knisja f'Malta ċċelebrat din l-okkażjoni b'quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann. Aħna li nitolbu kuljum waqt ir-Rużarju għall-Papa nitolbu bil-qalb ħalli l-Mulej imexxi Ħu lil dan il-Bniedem li għandu responsabilità hekk kbira.

**Membri taż-ŻAK fil-Finlandja**. Membri ŻAK attendew kors il-Finlandja matul il-Ġimgħa Mqaddsa organizzata mill-*European Fellowship*. Dawn mhux biss kellhom l-opportunità li jaqsmu flimkien l-esperjenza spiritwali tal-Ġimgħa Mqaddsa ma' mexxejja taż-żgħażagħ mill-Ewropa, imma ddiskutew ix-xenophobia (biża' minn-nies ta' razza oħra) u Iżlamofobia (biża' mill-Iżlam), problemi attwali kemm għall-Malta kif ukoll għall-Ewropa.

**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

## Adorazzjoni Għal Vokazzjonijiet

Fis-Seminarju tal-Virtù Rabat, kull l-ewwel Ħamis tax-xahar, qegħda tiġi organizzata ġurnata ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat bis-sehem ta' diversi gruppi minn madwar Malta. Għall-Azzjoni Kattolika ġie allokat il-ħin bejn il-17:30. u s-18:30. L-iskop huwa li nitolbu għall-Vokazzjonijiet saċerdotali u għall-ħajja kkonsagrata. Qegħdin nagħmlu sejħa liċ-Ċirkoli biex jagħżlu xi xahar partikolari li fih joffru li jmorru jgħaddu siegħa ma' Ġesù Sagramentat.
Min jixtieq imur iċempel lil Mrs. C. Agius Delicata fuq tel:- 21238851.
Inħeġġu lil kull min jista' biex jattendi.

## Attivitajiet għax-Xahar ta' MEJJU 2009

| | | |
|---|---|---|
| 30 ta' April-2 ta' Mejju | ŻAK | ŻAK Siggiewi Live-in. |
| 7 ta' Mejju | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30. |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00. |
| 8 ta' Mejju | Direttorju | Laqgħa fis-18:00, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| 8-10 ta' Mejju | ŻAK | ŻAK San Ġiljan *Live- in*. |
| 10 ta' Mejju | ŻAK | Logħob għat-tfal – parti mill proġett 'Inseġ Għanqbuta Ta' Kuluri'. |
| 13 ta' Mejju | Fergħa Nisa | Laqgħa Formattiva – Membri tal-Kunsill. |
| | Kumm Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni fis-18:00, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| 16 ta' Mejju | ŻAK | Membri taż-ŻAK jaraw il-*Eurovision* flimkien. |
| 17 ta' Mejju | Fergħa Xebbiet | Irtir Ċentrali (Dettalji jingħataw f'Ċirkulari). |
| 18 ta' Mejju | Fergħa Rġiel | Laqgħa tal-Kunsill fil-17:30. |
| 21 ta' Mejju | Fergħa Nisa | Elezzjoni tal-Kunsill Ċentrali. |
| 22 ta' Mejju | Direttorju | Laqgħa fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana. |
| 24 ta' Mejju | Fergħa Rġiel | Irtir fid-Dar Familja Mqaddsa Naxxar. - Mid-9:00 sa 11:45. |
| 27 ta' Mejju | Fergħa Nisa | W.U.C.W.O Day Ċirkoli kollha. |
| 31 ta' Mejju | ŻAK | Tisjir Internazzjonali – parti mill-proġett 'Inseġ Għanqbuta ta' Kuluri'. |
| 2 ta' Ġunju | Fergħa Nisa | Ħarġa Soċjo-Kulturali/Reliġjuża għal Għawdex għar-Romol. |
| 4 ta' Ġunju | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30. |
| 7 ta' Ġunju | Fund – Raising | Ikla (Dettalji aktar tard). |

## Fergħa Xebbiet Adulti

Nota: Inħeġġu lill-membri kollha biex fil-laqgħat ta' kull ġimgħa jgħidu r-Ružarju qabel jew wara l-laqgħa.

--------------------

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

***SOLIDARJETÀ*** Il- Programm 'Solidarjetà li jixxandar fuq Radju Malta kull nhar ta' Ħadd, fix-xahar ta' Mejju se jixxandar f'dawn id-dati :- 3, 10, 17, 24 u 31 fis-19:15 u MHUX fit-20:30.

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA



**SERVIZZ BIL-MINIBUSES**

**Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità**

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom

# Kummissjoni Fund -Raising

Buffet Nhar il-Ħadd 7 ta' Ġunju 2009
Żommu din id-data libera għal dan il-Buffet tal-Fund-Raising
Minħabba li d-data tal-buffet taħbat fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju
Id-dettalji (il-post u l-Menu) jitħabbru fl-Information Sheet ta' l-istess xahar.
Għal aktar dettalji ċemplu s-Segreterija ta' l-Azzjoni Kattolika, l-Florjana
Tel: 21222239

## STEDINA

Laqgħa għall-Kulħadd

Fejn : Istitut Kattoliku, Floriana
Meta: Nhar l-Erbgħa, 27 ta' Mejju 2009
Ħin: Fis-19:00
Suġġett: 'L-Attualita' di San Paolo Oggi'.
(Naturalment il-Konferenza tkun bit-Taljan)
Se Jitkellem l-Arċisqof Mons Gianfranco Ravasi
President tal-Kunsill tal-Kultura tal-Vatikan
Din hi okkażjoni mhux ta' min jitlifha
Inħeġġu lil min jista' biex jattendi

## LIBRERIJA AZZJONI KATTOLIKA - FLORIANA

*Nixtiequ ninfurmawkom li fil-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika l-Floriana qed nagħtu s-servizz ta' BINDING. Il-prezz huwa ta' EUR 1 kull 12 il-paġna. Għalhekk inħeġġu lil membri kollha biex imexxu dan il-messaġġ u jagħmlu użu minn dan is-servizz.*





*'HANDMADE NOTEBOOKS' LI JISTGĦU JINTUŻAW BIEX JITTIEĦDU NOTI FUQHOM WAQT XI LAQGĦA U GĦAL MITT ELF ĦAĠA OĦRA, LI QED JINBIEGĦU GĦALL-PREZZ TA' EURO.50C.*









*Waslu* ***JUM L-OMM*** *u* ***L-EWWEL TQARBINA***
*u ma tafx x'se tixtri ?*



***Fil-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika – Floriana***

Wieħed isib:

Varjetà ta' rigali għal Jum l-Omm u għall-Ewwel Tqarbina, kif ukoll kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għal kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi u ħafna affarijiet oħra. Issibu wkoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'*GO*". Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.

**Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa – mid-9:00 sa nofsinhar,**
**Mill-16:00 sas-19:30 u s-Sibt filgħodu biss.**



Tel: 21 237031

Għalhekk ixtri r-rigali tiegħek minn din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lill-Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.